QALA

Laqgha tal-Kunsill tal Qala numru 46 li saret nhar l-11 ta' Novembru 2011 fil-5:00 p.m.

Prezenti: Paul Buttigieg (Sindku)
Raymond Xerri (Vici Sindku)
Paul Buttigieg (Kunsillier)
Victor Grech (Kunsilier)
Jesmond Borg (Kunsilier)

1. Talba

2. Approvazzjoni tal-minuti

3. Tender li nhargu

Tenders li nhargu mill-Kunsill u li ghalqu fis-7 ta' Novembru kienu tal:

**5/2011 Provista u nstallazzjoni ta' Playcentre fi Ġnien il-Familja.**

Kien hemm tlett kuntratturi li ssottomettew it-tender. Dawn kienu Opal Ltd, Alhag Ltd u JG Cassar Ltd li offra zewg tipi ta' play centres. Il-kuntrattur Opal Ltd gie skwalifikat ghax is-sottomissjoni tat-tender ma kienetx kompluta. JG Cassar Ltd offra playcentre li tiswa €7,400 u ohra li tiswa €9,200 wahda maghmula il-Korea u l-ohra Spanja rispettivament. Alhag Limited offra playcentre ghal prezz ta' €16,007.88

Ix-xogholijiet tal-konkrete li jrid isiru bhala bazi ghal installazzjoni tal-playcentre ser isir mill-Kunsill.

Il-Kunsill iddecieda unanimament li jaghzel l-offerta ta' JG Cassar ghal prezz ta' €9,200.

Dan il-progett ser jigi finasnzjat mill-UIF tal-MEPA

**6/2011 Provista u nstallazzjoni ta' sistema photovoltaic ghal Kunsill Lokali tal-Qala.**

Ghal din is-sejha ghall-offerti l-Kunsill ircieva seba' offerti. Dawn kienu minghand:

- Frank Borda Ltd – zewg offerti; wahda ghal €7,199 u l-ohra ghal €6,599;
- Alberta Limited – offerta ghal €7,187.21
- Solar Engineering Limited - zewg offerti; wahda ghal €7,920 u l-ohra ghal €6,984;
- Bajada New Energy - zewg offerti; wahda ghal €7,713.14 u l-ohra ghal €7,080.14;
- Di Natura – offerta ghal €4,799
- X-Treme Tech – offerta ghal €8,462.66
- EVM Energy - tlett offerti; wahda ghal €7,966.62, ohra ghal €7,045.75 u l-ohra ghal €7,215.29.

L-ingineer tal-Kunsill Mario Galea spjega kif kulhadd halla xi haga barra u ghalhekk ippropona li jibghat email lil-Kuntratturi jitlobhom l-informazzjoni mehtiega u jaghtihom gimgha cans biex jirrispondu. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta

**7/2011 Provista u nstallazzjoni ta' CCTV, sistema ta' alarm tan-nar u "intruder alarm' fil-Muzew tal-Folklore, Qala**

Ghal din is-sejha ghall-offerti il-Kunsill ircieva erba' offerti. Dawn kienu minghand:

| | CCTV | Fire alarm | Intruder alarm | Total |
|---|---|---|---|---|
| Alberta Limited | €3,464.81 | €2,652.43 | €1,816.39 | €7,303.63 |
| Strand Electronics | €2,834.00 | €3,153.00 | €1,061.00 | €7,048.00 |
| VSS Ltd | €2,694.43 | €1,392.62 | € 546.84 | €4,634.89 |
| X-treme technology | €2,824.16 | €3,170.92 | € 940.13 | €6,935.21 |

L-offerti kollha lahqu l-istandard mehtieg. Il-Kunsill iddecieda unanimament li din l-offerta tinghata lil VSS Limited

**8/2011 Provista u delivery ta' light fixtures ghal-Muzew tal-folklore Qala**

Intefghat tender wahda biss mill-kuntrattur Richard Cauchi. Il-kunrattur offra zewg soluzzjonijiet wahda bl-uzu ta' dawl tal-halogen ghal €21,402.80 u ohra bl-uzu ta' dwal LED ghal €26,418.25. Il-perit spjega iz-zewg soluzzjonijiet u wara li gew iccarati xi punti il-Kunsill iddecieda jaccetta is-sistema li bl-uzu ta' dawl tal-halogen, dan bi tlett voti favur u zewg astensjonijiet.

**9/2011 Xiri ta' oggetti antikitajiet awtentikati ghal-Muzew tal-Folklore, Qala.**

Ghal din is-sejha, l-Kunsill ma rcieva l-ebda offerta. Il-Kunsill ser jaghmel laqgha mal-Eco Gozo biex jitolbu li jinxtraw oggetti b'direct order.

**Kwotazjoni 1/2011. Provista u transport ta' siggijiet ghal Kunsill Lokali tal-Qala**

Ghal din il-kwotazzjoni il-Kunsill ircieva zewg offert kif gej:

| | |
|---|---|
| Joe and Jane Debono | €58.00 ghal kull siggu; total ta' €2,943.50 |
| Dominic Department Store | €19.25 ghal kull siggu; total ta' € 962.50 |

Il-Kunsill iddecieda unanimament li l-offerta tinghata lil Dominic Department Store.

**4. Il-Fortizza ta' Sant Antnin**

Mixjin ix-xoghlijiet fuq il-fortizza. Din l-Art Helwa gabu l-gebla biex titnaqqax l-Arma. Il-Kunsill ser jaghmel laqgha ma' Din L-Art helwa biex jiddiskuti l-ammonti li ghadhom ma thalsux fuq xoghlijiet; il-fondi mill-MEPA li ser jinghataw direttament lil Din l-Art, €5,000 ghandhom ikopru l-ispejjez. Bhalissa qed isir xi xoghol tal-membrane. Il-Fortizza ghandha titlesta sa' l-ahhar tas-sena 2011.

Nhar il-Hadd gej grupp minn Marsaskala biex iduru u jaraw il-Fortizza; wiehed mill-membri tal-kunsill ser jiltaqgha maghhom.

**5. Is-Sala tal-Komunita**

Ix-xoghol fuq is-Sala kwazi lest. L-inawgurazzjoni ghandha ssir fis-16 ta' Dicembru mis-Segretarju Permanenti ghal Kunsilli Lokali, Dr Chris Said fis-7:30 pm. Din ser tissejjah Sala Tal-Komunita. L-inawgurazzjoni ser tkun parti mill-attivitajiet tal-Milied.

**6. Skema tal-Playing Field**

Ser isir rapport mill-perit fuq is-safety standards li jezistu fil-playing fields tal-lokalita. Dik ta' Gnien il-Familja hija relattivament gdida u x'aktarx mhux ser ikun hemm hafna problem. Il-playing field l-ohra ser ikollha bzonn xi alterazzjonijiet biex din tilhaq il-livell mehtieg bhal tibdil u thaxxin tat-twapet tal-lastiku, u affarijiet ohra.

**7. Xogholijiet Triq 21 ta' April 1688 fil-muzew tal-Folklore**

Ix-xogholijiet li qed isiru fil-muzew ghaddejjin b'pass maghgel u b'coordinazzjoni tajba hafna. Ix-xoghol strutturali kollu lest. L-installazzjoni ta' CCTV cameras u tad-dwal ghandhom jibdew issa li ntaghzlu l-kuntratturi mis-sejha ghal offerti. Ix-xoghol kollu ghandu jkun lest sal-ahhar ta' Novembru.

**8. Progett 313 u 323**

Il-paying agency accettat li l-contracts manager ghandu jkun parti minn kull kuntratt. Is-Sindku kien kiteb ittra lil paying agency biex ikun hemm contract manager ghal kull tender, skond il-htigijiet tal-kuntratt u din giet accettata.

Il-perit ghandu jipprepara is-sejhiet ghal offerti biex jibdew ix-xoghlijiet mehtiega.

Progett 323 – Ix-xoghlijiet waslu fi stat avvanzat mill-grownd il fuq. Qed isir xoghol fuq it-thammil u l-bini tal-hitan tas-sejjiegh. Instab li m'hemx bzonn hafna thammil ghalekk il-flus allokati ser jintuzaw biex jitkompla l-hajt tas-sejjiegh. Dan ix-xoghol dalwaqt ikun lest. Wara dan jitkompla x-xoghol fuq il-picnic area mill fond ital-progett 313.

**9. Qala Creek project**

Hemm pjanti godda ghand il-MEPA. Il-Kunsill talab lil MEPA tghaddi kopja tal-pjanti riveduti lil Kunsill. Il-MEPA irrifjutat li tibghat dawn il-pjanti peress illi l-pjanti jinsabu fis-sit elettroniku tal-MEPA. Il-MEPA imbaghad accettat li tibghat il-pjanti sa'-25 ta' Ottubru izda dawn ma ntbaghtux. Il-Kunsill sar jaf li dawn il-pjanti reveduti issa gew rifjutati mill-MEPA.

**10. Attivitajiet tal-Milied**

L-attivitajiet tal-Milied ha jkunu kif gej:

16 ta' Dicembru – Ftuh tas-Sala u Gieh il-Qala
18 ta' Dicembru – Attivita familji
20 ta' Dicembru – Laqgha ghal Anzjani
27 ta' Dicembru – Harga ghal Anzjani
7 u 8 ta' Jannar – Football tournament ghal youth nursery
Harga ghaz-Zghazagh – ghad trid tigi deciza data.
Wara s-16 ta' Dicembru – Laqgha mal-NGO's tal-Qala

Il-Kunsill iddecieda li johrog sejha ghal expression of interest ghad dwal tal-Milied ghal Triq 28 ta'April u l-Pjazza, din ser tohrog fin-newsletter. Id-disinn tad-dawl irid jintbaghat mal-prezz.

**11. Korrispondenza**

Il-kunsill ircieva:

a. Laqgha l-MEPA fuq il-Barrieri – fl-14 ta'Novembru fil-11:30am
b. Ittra minghadn il-Banif Bank tirrifjuta li tinstalla ATM fil-Qala
c. MEPA – kompetizzjoni ghat-tfal – din intrebhet minn Kevin Cutajar.
d. Health insurance
e. Stedina ghas-26 ta' Novembru mill-Oasi ta' Cenc – iz-Zaghzugh tas-Sena
f. Kopja tal-kuntratt tad-day centre ta' Ghajnsielem
g. Kors ghal librara – tahrig fuq il-kompjuters biex is-sistema tal-librerija tigi komputerizzata
h. Press cutting – Qala Festival
i. MEPA – ittra dwar UIF ghal pannelli fotovoltajici €40,560, li huwa €6,000 inqas mill-ammont imwieghed.
j. Dipartiment tal-Kunsill Lokali – ittra dwar il-bilanc ta' €5,000 ghal pannelli tal-PV; b'kollox dawn gew jiswew €10,000 mnghand l-Alberta.
k. Poster tal-Green MT
l. Kerigma – biex jigi nominat xi hadd ghaz-zaghzugh tas-sena.
m. Patt tas-Sindki – il-lokalitajiet li ser jattendu fid-29 ta' Novembru huma l-Qala, l-Gharb, ir-Rabat u ta' Kercem.
n. MEPA – Kuntratt ghal bini ta' 6 villel giet rifjutata mill-MEPA fis-sit ta' Triq il-Wileg ghax parti kient ODZ.
o. Agenzija Zghazagh – il-Kunsill taz-zghazagh ser jippartecipaw f'dan il-progett.
p. APS – fondi specjaali ghat tindif tal-Hondoq – zewg ammonti ta' €1,500 il-wiehed.
q. Il-Kumitat Olimpiku Malti staqsa biex jigi nominat xi hadd
r. MEPA – il-Kunsill ircieva il-Permess ghal Fortizza
s. Ittra minghand resident biex juza l-moll ta' Hondoq biex itella u jsewwi d-dghajsa hemm. Il-Kunsill iddecieda li jiktbulu u jghidulu biex igib il-permess neccessarju mill-awtorita marittima.
t. Rapport fuq il-bungy jumping.
Il-laqgha spiccat fis-seba u nofs ta' filghaxija.